**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tal-21 t' April, 2016.

Talba Numru: 174/2014AM3

Numru fuq il-Lista: 27

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Camenzuli (ID 514850M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Carmelo Camenzuli (ID 514850M)**
**Triq l-Imsida,**
**Gzira GZR 1405**

**Vs**

**Dione Drago qua President u Sandro Pecorella qua Segretarju ghan-nom u in rapprezentanza ta' Naxxar Lions Football Club (KMS Reg No C109) u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar il-05 ta' Novembru, 2015 gie kjamat in kawza l-Kummissarju tal-Artijiet**

It-Tribunal,

Wara s-sentenza moghtija fil-21 t' April, 2016 fl-ismijiet premessi u ha konjizzjoni tar-rikors tal-atturi tad-09 ta' Mejju, 2016, maghmul ai termini tal-artikolu 825(2) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

U b'digriet tieghu ta' nhar it-02 ta' Gunju, 2016 dan it-Tribunal jilqa' t-talba u t-Tribunal qed jerga jirriproduci s-sentenza kif koreguta ai termini tal-istess artikolu 925(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe:

It-Tribunal

Ra t-talba tal-atturi.

Ra r-risposta tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawza.

Ra l-affidavits prezenti u traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija.

Ra l-verbal tas-Socjeta' attrici u tal-kjamat fil-kawza li permezz taghha nfurmaw lit-Tribunal li l-kjamat in kawza accetta li jhallas is-sorte fil-kawza u jonqos biss il-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjez tal-kawza u talba sentenza dwar l-istess.

Ikkunsidra:

Fl-istat li fih waslet din l-kawza l-kwestjoni li fadal pendent bejn l-partijiet tirrigwarda unikament il-kap tal-ispejjez stante li a fol 86 l-kjamat in kawza accetta li jhallas is-sorte . Dan ghar-raguni li fil-mori tal-gudizzju ntlahaq qbil bejniethom dwar il-hlas reklamat mis-Socjeta` attrici kif jirrizulta mir-risposta tal-istess Kummissarju tal-Artijiet kjamat in kawza, mill-verbal a fol 86 u mill-affidavit ta' Peter Mamo rapprezentant tal-kjamat fil-kawza.

Hu principju pacifikament akkolt li l-konvenut sokkombent li jirrikonoxxi li ghandu jaghti u fil-fatt jghaddi wkoll ghall-hlas, ma jista jigi mehlus mill-hlas tal-ispejjez jekk ma jkunx hemm xi raguni inkuntrarju (Kolloz. Vol. XLI P1 p 612).

It-Tribunal ghalhekk ser ikollu jezamina l-meritu unikament biex jara u jistabblixxi jekk tezistix fil-kaz prezenti tali raguni;

Il-kontroversja bejn l-kontendi taf l-origini taghha fil-fatt li meta sar l-incident r-responsabilita` tal-hajt li kkawza l-hsara kienet tal-kjamat fil-kawza u li s-Socjeta' attrici ma kienet tahti xejn ghal dan.

F'dawn ic-cirkostanzi u ghal dawn l-motivi, t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi l-kawza billi jikkundanna lill-kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Art li jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u sittin ewro u wiehed u tmenin centzmu (€1,260.81c) u jikkundanna lill-istess kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Artijiet sabiex ihallas l-ispejjez tal-kawza u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tat-talba tas-Socjeta' attrici kontra l-Kummissarju tal-Artijiet.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**